***- PRESKRIZZJONI -***

***- ONERU TA' PROVA TA' MIN JALLEGA L-PRESKRIZZJONI -***

***- HLAS TA' NOL; PRESKRIZZJONI TA' SENA; ART. 544 TAL-KAP 13 -***

***- ART. 541; KAP 13 - TERMINU PERENTORJU -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001**

**Kawza Numru: 13**
**Citazzjoni Numru: 2110/98/RCP**

**TubeLine Limited**

**vs**

**Stencil Pave (Malta) Limited**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' elfejn mija sitta u ghoxrin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm2,126.40) konsistenti fi "*freight charges*" u spejjez ancillarji u accessorji (fosthom *haulage, transport, handling and container supervision*, u *documentation costs*), liema servizzi gew rezi lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici fuq ordni u inkarigu specifiku ta' l-istess s-socjeta konvenuta.

Illi ghalkemm mitluba diversi drabi sabiex thallas, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk, l-istess socjeta` attrici tablet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

1. Ma ghandhiex din il-Qorti taghti sentenza u tilqa t-talba tas-socjeta attrici billi tiddikjara lis-socjeta konvenuta debitrici ta' l-istess socjeta attrici fis-somma ta' elfejn mija sitta u ghoxrin Liri Maltin u erbghin centezmi (Lm2,126.40)

2. Tikkundanna minnufih lis-socjeta konvenuta thallas lill-istess socjeta attrici l-istess somma ta' elfejn mija sitta u ghoxrin Liri Maltin u erbghin centezmi (Lm2126.40) hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar il-fuq.

Bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra bonarja tad-19 t'Awwissu 1998 u ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Ottubru 1998, kollox

kontra s-socjeta konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta a fol 9 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament is-socjeta' attrici ddekadiet mid-dritt taghha illi tmexxi bl-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 544 (a) tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregjudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, stante illi s-socjeta' attrici baqghet inadempjenti fl-ezekuzzjoni tas-servizzi minnha rikjesti, oltre li kkagunat danni ngenti lis-socjeta` esponenti, rizultanti min-negligenza grossolana tas-socjeta' attrici fl-ezercizzju tas-servizzi minnha mitluba, kif ser jigi ppruvata aktar dettaljatament fil-kors tat-trattazzjoni tal-kaz;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u b'rizerva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol 10 tal-process;

Rat il-verbali tad-29 ta' April 1999 fejn inghata digriet tal-affidavit lill-atturi, tas-7 ta' Frar 2000 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tigi ipprovata minn min jallegaha u ghalhekk huwa l-kaz illi s-socjeta` konvenuta tressaq il-provi taghha fuq din l-eccezzjoni pregudizzjali; tal-24 ta' Marzu 2000, tas-17 ta' Mejju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tal-4 t'Ottubru 2000, tal-5 ta' Dicembru 2000, tal-14 ta' Frar 2001 fejn xehed Michel Licari u Dr Depasquale ddikjara li dwar l-ewwel eccezzjoni m'ghandux provi aktar; tal-24 ta' April 2001 fejn xehed Michel Licari in kontro-ezami u Dr Aaron Bugeja ddikjara li dwar l-ewwel eccezzjoni m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni ghall-10 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbal tal-10 ta' Mejju 2001 fejn id-difensuri trattaw l-ewwel eccezzjoni u l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghall-14 ta' Gunju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din l-azzjoni saret mis-socjeta' attrici stante li qed tallega li s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-anmont ta' elfejn mija sitta u ghoxrin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm2,126.40) konsistenti fi "*freight charges*" u spejjez ancillarji u accessorji (fosthom *haulage, transport, handling and container supervision*, u *documentation costs*), liema servizzi gew rezi lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici fuq ordni u inkarigu specifiku ta' l-istess s-socjeta konvenuta.

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta hija fis-sens li l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 544 (a) tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi in effetti l-istess artikolu jipprovdi li:-

*"L-azzjonijiet li gejjin jaqghu bil-preskrizzjoni kif sejjer jinghad hawn taht:-*

*(a) kull sena ghall-hlas ta' nol, sena wara li jispicca l-vjagg".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li la darba s-socjeta' konvenuta qed tecceppixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici mela allura huwa oneru tal-istess socjeta' konvenuta li tipprova kemm

li l-istess preskrizzjoni citata hija dik rikjesta ghal kaz *de quo* u wkoll li jezistu l-elementi rikjesti bhala fatt ghall-applikazzjoni tal-istess terminu taz-zmien.

Illi fil-fatt inghad fis-sentenza **"Maria Zammit vs Lawrence James Capello et"** (A.C. 19 ta' Novembru 1962 - XLVI.i.372) li:-

*"Il-preskrizzjoni hija eccezzjoni opposta ghall-azzjoni instanti, b'mod li l-konvenut isir attur meta jgib dik l-eccezzjoni l-quddiem, u ghalhekk l-istess 'reus' huwa fl-obbligu li jipprova dak li ghandu jservi bhala fondament tal-azzjoni tieghu".*

Illi din is-sentenza fil-fatt segwit l-insenjament moghti fis-sentenza **"Pasquale Bonello vs Matteo Grech"** (K.(P.V.) 9 ta' Jannar 1875) fejn similment gie ritenut li:-

*"La prescrizione e' una eccezione opposta alla azione, ed e' regola invariabile che il-convenuto in questo caso diventa attore, spettando a lui di provare cio' che serve di fondamento alla sua eccezione - Chardon, Del dolo e della frode, Vol.I - Toullier Vol.4 para. 612".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Michel Licari rappresentant u *managing director* tas-socjeta' attrici wara li sostna li jista' jkun li l-merkanzija waslet ir-Russja fis-6 ta' Awissu

1997, wara li kkonsultat ruhha mas-C.M.R ikkonferma li *"t-"Trailer wasal Moscow on the 6th of August 1997".*

Illi in kontro-ezami l-istess xhud sostna li huwa kkwota l-istess data, stante li din d-data tirrizulta mill-*claim* li l-konsenjatarji ghamlu max-*shipper* datata 2 ta' Settembru 1997, fejn fl-istess komunikazzjoni indirizzata lis-socjeta' attrici u esebita bhala Dok. "ML 1" a fol. 32 tal-process jinghad li *"the material of the company "Stencil Pave" delivered by the invoice R 97/001/B dated 22.05.1997 arrived in Moscow on the 6th of Aug. The truck (number OD-54-TZ, transport company UAB "GLESUMA", Latvia, TIR 20061258) arrived from the Netherlands with the mixed cargo".*

Illi l-istess xhud sostna li dan kien l-unika dokument li ghandu fejn tissemma l-istess data meta l-merkanzija waslet ir-Russja, u qed jassumi li din id-data hija korretta, ghaliex l-ebda dokument ufficjali li kellu f'idejh ma jikkonferma l-istess data ghalkemm fil-kopja tas-CMR jirrizulta li hemm timbru datat 7 ta' Awissu 1997 u dan jinsab esebit bhala Dok. "ML 2" a fol. 35 tal-process. Illi jirrizulta wkoll li l-istess dokument intbaghat lis-socjeta' attrici mill-agent taghhom barra - *"Fritz Companies UK Limited".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti mill-istess dokument "ML 1" esebit mis-socjeta' attrici stess jirrizulta li skond s-socjeta'

Civil Engineering *"Paladin" Co.* li rceviet il-merkanzija r-Russja, fejn kienet destinata l-merkanzija mertu tal-kawza odjerna, l-merkanzija waslet fl-istess pajjiz fis-6 ta' Awissu 1997, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ma hemm l-ebda dubju kwalunkwe li l-istess socjeta' qed titkellem dwar il-merkanzija mertu tal-kawza odjerna, u dan peress li kien l-istess rappresentant tas-socjeta' attrici, Michel Licari li esebixxa l-istess dokument meta mistoqsi mis-socjeta' konvenuta, proprju meta waslet tali merkanzija *de quo* fid-destinazzjoni taghha.

Illi huwa ovvju li kieku tali dokument ma kellu x'jaqsam xejn mal-azzjoni odjerna ma kienx jigi esebit; izda verament l-istess socjeta' attrici lanqas setghet taghmel mod iehor hlief li tesebixxi l-istess dokument meta wiehed jikkunsidra li din il-kawza saret proprju sabiex l-istess socjeta' attrici tithallas ghall-*frieght charges* ghat-trasport tal-istess merkanzija minn Malta ghar-Russja. Dan qed jinghad ghaliex kien ikun veru stramb li s-socjeta' attrici taghmel kawza ghall-istess nol meta lanqas biss tkun taf jekk tali merkanzija waslitx fid-destinazzjoni taghha skond l-inkarigu li hija fuq kollox kellha.

Illi fil-fatt l-istess komunikazzjoni tas-socjeta' destinatarja Russa datata 2 ta' Settembru 1997, ma tghidx hekk biss izda taghti wkoll r-raguni ghaliex hija kitbet l-istess ittra fejn qed tallega li l-merkanzija destinata ghaliha minn Malta kienet provenjenti wkoll mis-socjeta' konvenuta *"Stencil*

*Pave"* u kienet konsistenti f'90 flixkun *Terracotta,* li skond l-istess Michel Licari kienet proprja l-merkanzija li kienet hekk spedita, u tali ittra giet mibghuta proprju lis-socjeta' konvenuta.

Illi din id-data ma giet bl-ebda mod kontradetta mis-socjeta' attrici, u fil-fatt lanqas setghet taghmel dan, ghaliex dan l-istess dokument gie mibghut lis-socjeta' konvenuta mill-*consignees* u s-socjeta' attrici qatt qabel ma jidher li ikkontestat id-dati hemm indikati. Fil-fatt jidher ukoll mic-CMR li dan jinsab ittimbrat bid-data tas-7 ta' Awissu 1997, liema data l-istess Michel Licari assuma li hija wkoll id-data meta tali merkanzija giet effettivament kkonsenjata, u tali "*assunzjoni"* da parte tal-istess Michel Licari, certament li saret minnu kemm abbazi tad-dokumenti li huwa rcieva minghand l-agenti tieghu barranin, kif ukoll mill-esperjenza li wiehed jifhem li ghandu dwar l-istess natura ta' xoghol u dokumenti, ghalkemm tali CMR *certificate* huwa bir-Russu.

Illi huwa sintomatiku wkoll li fl-istess ittra tat-2 ta' Settembru 1997 mibghuta mill-istess socjeta' Russa lis-socjeta' konvenuta, li wasal ukoll ghand is-socjeta' attrici, tant li esebiet hija l-istess dokument, jinghad ukoll li minhabba xi diffikultajiet fl-immarkar tal-istess merkanzija provenjenti minn Malta, anke fuq ic-CMR *certificate*, l-*custom clearance* saret biss fit-22 ta' Awissu 1997, u hemm ukoll indikazzjoni tal-ispejjez zejda li l-istess socjeta'

Russa wehlet minhabba tali dewmien u nuqqasijiet ohra minnha allegati.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju, anke jekk wiehed jiehu l-ahhar data imsemmija, li l-merkanzija waslet fir-Russja f'Awissu 1997, (u fl-opinjoni ta' din il-Qorti fis-6 ta' Awissu 1997) u ghalhekk tenut kont li l-kawza odjerna giet istitwita fl-20 ta' Ottubru 1998, mela allura *ai termini* tal-**artikolu 544 (a) tal-Kap 13** tali azzjoni hija preskritta stante li saret wara s-sena hemm indikata, u tali termini huma abbazi tal-**artikolu 541 tal-Kap 13** *"perentorji".*

Illi d-dubji manifestati minn Michel Licari fil-kontro-ezami tieghu ma jistghux ihassru id-dati indikati fid-dokumenti esebiti minnu stess u senjatament dik tal-ittra jew *fax* datata 2 ta' Settembru 1997, u lanqas ix-xhieda tieghu bhala xhud tas-socjeta' konvenuta, u ghalhekk hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li s-socjeta' konvenuta irnexxielha fil-grad rikjest mill-ligi tipprova l-allegazzjoni taghha ta' preskrizzjoni minnha ecceppita, u ghalhekk tali eccezzjoni tal-preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 544 (a) tal-Kap 13** ghandha u qed tigi milqugha.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-

socjeta' konvenuta fejn qed teccepixxi l-preskrizzjoni skond l-**artikolu 544 (a) tal-Kap 13, tichad it-talbiet attrici** stante li l-azzjoni attrici tirrizulta li hija preskritta *ai termini* tal-istess **artikolu 544 (a) tal-Kap 13.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**14 ta' Gunju 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**14 ta' Gunju 2001**